**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

CCT 46/19/B

Damian u Ylenia Baldacchino
Vs
Central Trading Co. Limited

Illum, 11 ta' Dicembru, 2019

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fit-25 t' April 2019;

Ra r-risposta tal-intimat datata 30 ta' Mejju 2019;

Ra l-Atti tal-process u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semgha ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi fl-avviz mressaq quddiem dan it-Tribunal r-rikorrenti indikaw lit-Tribunal illi huma xtraw 5 Air conditioner units minghand l-intimat f' Marzu tas-sena 2015. Illi erbgha minn hames Air Coniditioner Units zvillupa difett tant illi beda jindika 'error' liema 'error' s-socjeta intimat batet diversi technicians sabiex jipprova jissolva. Minkejja dan, l-Airconditioner Units baqghu ma jiffunzjonawx b'hekk talbu li jergu jigu kumpensati l-ammont ta' € 2,775

Illi fir-risposta taghha s-socjeta' initmata innutat illi dawn l-Airconditioner units huma ta' tip 'inverter' u li huma sensittivi ghal corrosion u vultagg. Illi s-socjeta intimata sahqet illi il-partijiet kellhom ftehim li jinbidlu l-mother boards tal-istess units tant illi qablu ghal sitt xhur estensjoni tal-istess garanzija pero il-parts damu ma waslu minn barra.

Illi r-rikorrenti Damian Baldacchino xehed bil-gurament quddiem dan it-Tribunal u iiprezenta numru ta' Dokumenti inkluz l-hlas ghall-istess Air Conditioner Units u l-

garanzija tal-units. Illi r-rikorrenti spjega illi huma qatt ma gew infurmati mis-socjeta' initmata illi l-units kienu sensittivi ghal vultagg tal-Enemalta qabel ma' huma xtraw l-istess AC units. Illi Damian Baldacchino spejga illi t-talba lit-Tribunal ghal hlas ta' € 2,775 hija ekwivalenti ghal prezz ta' erbgha (4) AC units li huma l-erbgha units li ma jiffunzjonawx. Illi r-rikorrent spjega illi l-offerta tas-socjeta' intimata li jinbidlu l-erbgha units ghal ohrajn godda minghajr hlas addizzjonali kienet saret fl-istadju tal-medjazzjoni quddiem l-Awtorita pero' s-socjeta' intimata ikkancellat l-appuntament lejliet.

Illi xehed bil-gurament Alan Mifsud in rapprezentanza tas-socjeta' intimata u spejga illi huma kien offrew illi jibdlu l-units kollha ma mudell iktar ricenti liema offerta kienet giet accettat mir-rikorrenti. Ix-xhud spejga illi x-xoghol kien ittradja sabiex jasal minn barra minn Malta u kien ghalhekk illi filfatt l-appuntament gie ikkancellat filfatt huwa stqarr illi kellhom problema ta' stock ghal 3 xhur shah. Illi x-xhud rega sehaq: *"ahna lesti li nibdlu tal-hamsa li huma u dan ghal 3 ac units 12000 BTU u 2 ac units 18,000 BTU".*

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi f'dan il-kaz is-socjeta' intimata qed taccetta r-responsabilita' taghha in rigward l-AC Units li kienu difettuzi tant illi ghal diversi drabi batet technicians sabiex jippruvaw jsolvu l-*error* tal-istess units minghajr ebda success. Sussegwentament, l-istess socjeta' waqt l-istadju tal-medjazzjoni quddiem l-Awtorita' [MCCAA] offriet illi tibdel l-erbgha units li kienu difettuzi. Illi din it-talba giet accetata mir-rikorrenti izda s-socjeta' intimata baqghet ma nstallatx il-units il-godda fid-data li l-partijiet kienu miftehma peress illi l-istock ma wasalx minn barra. Illi ghalhekk ir-rikorrenti intavolaw il-proceduri odjerni. Illi ghal darbohra s-socjeta' intimata offriet lir-rikorrenti illi tibdel l-5 units ghal units godda u dan minghajr spejjez addizjonali. Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi illi s-socjeta' intimata accettat r-responsabilita' taghha dan it-Tribunal ma ghandux alternattiva ghajr illi Jilqa it-talba tar-rikorrenti.

Illi t-Tribunal jikkonsidra illi mill-invoice pprezentata mir-rikorrenti bhala Dok 'A' jirrizulta illi l-valur ta' 3 Air Conditioner Units 12, 000 BTU kien komplessivament ta' € 1,950 (inkluz il-VAT) filwaqt il-valur ta' 2 Air Conditioner Units 18,000 BTU kien komplessivament € 1,650. Illi r-rikorrenti Damian Baldachino ipprezenta l-ittra li bat lis-socjeta' intimata datata 18 ta' Frar 2019 ipprezentata u mmarkata bhala Dok A7 fejn indika: *"I have 1 unit of 18,000 BUT and 3 units of 12,000 BTU. All having the same problem. All units are still under warranty".* B'hekk il-valur ghal 4 units ossija 3 units 12, 000 BTU u 1 18, 000 BTU huwa ta' € 2,775 konsegwentament it-talba tar-rikorrenti hija verosimili u ghalhekk haqqa tigi milqugha.

DECIDE

Ghaldaqstant, it-Tribunal ghar-ragunijiet fuq spejgati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, billi jilqa' t-talba tar-

rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas is-somma komplessiva ta' elfejn sebgha mija u hamsa u sebghin Euro (€ 2,775) ghar-ragunijiet hawn fuq indikati

Kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Avv. Paul Borg
Arbitru